# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' Lulju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 248/01mm**

**Anthony Farrugia Company Limited**

**vs**

**(1) Pirella Supermarket Limited u**

**(2) Joseph Portelli personament u solidament**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u tlieta u sittin liri Maltin u tmienja u disghin

centezmu u tmien millezmi (Lm863.98,8) prezz ta' merkanzija varja mibjugha u ikkonsenjata lill-konvenuti fil-Pirella Supermarket, Zabbar.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandati kawtelatorji ta' Qbid u Sekwestru pprezentati kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza, pero' zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fil-21 ta' Gunju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici limitatament għall-ispejjez kontra l-konvenuti.